Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Sports Warehouse GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) tat-22 ta' Novembru 2011 — LG Electronics vs UASI (DIRECT DRIVE)

(Kawża T-561/10)

"Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali DIRECT DRIVE — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru deskrittiv u assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li jistgħu jintużaw sabiex jindikaw il-karatteristiċi ta' prodott (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)(c)) (ara l-punti 20, 24, 25)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-22 ta' Settembru 2010 (Każ R 1027/2010-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali DIRECT DRIVE bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) LG Electronics, Inc., hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tat-23 ta' Novembru 2011 — Jones *et* vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-320/07)

"Trattat KEFA — Provvista ta' faħam għall-użu industrijali tal-produzzjoni tal-elettriku tar-Renju Unit — Ċaħda ta' lment li jallega l-applikazzjoni ta' prezzijiet ta' xiri diskriminatorji — Kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tapplika l-Artikolu 4(b) KEFA wara li skada t-Trattat KEFA, fuq il-bażi tar-Regolament KE Nru 1/2003 — Evalwazzjoni tal-interess Komunitarju — Obbligi fir-rigward ta' investigazzjoni ta' lment — Żball manifest ta' evalwazzjoni"

1. *Proċedura — Rappreżentanza tal-partijiet — Mandat ad litem — Grad ta' preċiżjoni meħtieġ (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 44(5)) (ara l-punti 52-59)*

2. *Proċedura — Replika — Rekwiżiti proċedurali — Firma ta' avukat — Replika li tinkludi ittri redatti mil-lanjanti, mingħajr l-assistenza ta' avukat, u ppreżentati direttament minnhom quddiem il-Qorti Ġenerali — Ittri kkontrofirmati sussegwentement minn avukat — Inammissibbiltà (Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-tielet u r-raba' paragrafu tal-Artikolu 19; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 43(1)) (ara l-punti 63-68)*